# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 2 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 947/00 AJD*

Elmo Insurance Agency Limited

vs

Adrian Pillow

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Lulju, 2000, fejn gie premess li l-kumpanija attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' mitt lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm100.39), bilanc ta' somma akbar dovuta bhala premiums fuq polza ta' assikurazzjoni mahruga favur tieghu u dana skond statement (Dok. A). Il-kumpanija attrici interpellat lill-konvenut biex ihallas l-imsemmija somma bonarjament u imbaghad b'ittra legali tat-22 ta' Mejju, 2000, izda ghal ta' xejn. Ghalhekk il-kumpanija attrici qeghda taghmel din il-kawza li biha qeghda titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha l-imsemmija somma ta' mitt lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm100.39). Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' Mejju, 2000, u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' l-Avviz tat-Talba, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Joe Mula, rappresentant tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitt lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm100.39) bl-imghaxijiet legali mid-data

tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR